MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Numru. 509/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Clint Mifsud**

Kumpilazzjoni Numru 509/2008

Illum, 9 ta' Lulju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Clint Mifsud ta' 26 sena, iben Frans u Maria Lourdes nee' Farrugia, imwieled Pieta fit- 18 ta' Marzu, 1982 u residenti Numru 1, Triq Haz Zabbar, Rahal Gdid, detentur tal- karta ta' l- identita bin-numru 272182M.

Akkuzat talli fil- lejl ta’ bejn is- 16 u s- 17 ta’ Mejju, 2008, ghall- habta ta’ xid- 21.30hrs minn gol- ‘Corradino Tennis Club’ li jinsab fil- Qasam industrijali ta’ Kordin, Rahal Gdid ikkommetta serq ta’ skip, valur ta’ madwar €279 (Lm120), ghad- dannu ta’ Susanna Zammit (Green Lines Limted), bi ksur ta’ l- artikoli 261(c)(d) u (e), 267, 268, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 9 ta’ Lulju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni mjigjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fatt li r-res furtiva giet ritornata, qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri, l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------